DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 71/2012

tat-30 ta' Marzu 2012

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikulari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 29/2012 tat-10 ta' Frar 2012 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/335/KE tal-20 ta' April 2009 dwar il-linji gwida tekniċi għall-istabbiliment tal-garanzija finanzjarja skont id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji tal-estrazzjoni ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/337/KE tal-20 ta' April 2009 dwar id-definizzjoni tal-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' faċilitajiet tal-iskart skont l-Anness III tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji tal-estrazzjoni ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/358/KE tad-29 ta' April 2009 dwar l-armonizzazzjoni, it-trażmissjoni regolari tat-tagħrif u l-kwestjonarju msemmija fl-Artikoli 22(1)(a) u 18 tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni ([4]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/359/KE tat-30 ta' April 2009 għall-kompletezza tad-definizzjoni tal-iskart inert fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 22(1)(f) tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji tal-estrazzjoni ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/360/KE tat-30 ta' April 2009 li tikkompleta r-rekwiżiti tekniċi għall-karatterizzazzjoni tal-iskart stabbiliti mid-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta'skart mill-industriji tal-estrazzjoni ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 32fe (id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX tal-Ftehim:

"32fea. **32009 D 0335**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/335/KE tal-20 ta' April 2009 dwar il-linji gwida tekniċi għall-istabbiliment tal-garanzija finanzjarja skont id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta'estrazzjoni (ĠU L 101, 21.4.2009, p. 25).

32feb. **32009 D 0337**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/337/KE tal-20 ta' April 2009 dwar id-definizzjoni tal-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' faċilitajiet tal-iskart skont l-Anness III għad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni (ĠU L 102, 22.4.2009, p. 7).

32fec. **32009 D 0358**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/358/KE tad-29 ta' April 2009 dwar l-armonizzazzjoni, it-trażmissjoni regolari tat-tagħrif u l-kwestjonarju msemmija fl-Artikoli 22(1)(a) u 18 tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-iskart mill-industriji tal-estrazzjoni (ĠU L 110, 1.5.2009, p. 39).

32fed. **32009 D 0359**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/359/KE tat-30 ta' April 2009 għall-kompletezza tad-definizzjoni tal-iskart inert fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 22(1)(f) tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji tal-estrazzjoni (ĠU L 110, 1.5.2009, p. 46).

32fee. **32009 D 0360**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/360/KE tat-30 ta' April 2009 li tikkompleta r-rekwiżiti tekniċi għall-karatterizzazzjoni tal-iskart stabbiliti mid-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni (ĠU L 110, 1.5.2009, p. 48).".

([1]) ĠU L 161, 21.6.2012, p. 36.
([2]) ĠU L 101, 21.4.2009, p. 25.
([3]) ĠU L 102, 22.4.2009, p. 7.
([4]) ĠU L 110, 1.5.2009, p. 39.
([5]) ĠU L 110, 1.5.2009, p. 46.
([6]) ĠU L 110, 1.5.2009, p. 48.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2009/335/KE, 2009/337/KE, 2009/358/KE, 2009/359/KE u 2009/360/KE fil-lingwi tal-Islanda u tan-Norveġja, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Marzu 2012, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.